# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 177/2022: **P. SCHEMBRI & BROTHERS LIMITED (C14351) V. AQUATESS MARKETING LIMITED (C57114)**

(FIL-KORS TA' KAWZA L-PIZ TAL-PROVI JISTA JDUR MINN PARTI GHALL-OHRA – L-ONERU HUWA DISTRIBWIT B'MOD LI R-RIKORRENT IRID JIPPROVA L-FATTI TAD-DRITT PRETIZ MINNU *ACTORI INCUMBIT PROBATIO* MENTRI L-KONVENUT JRID JIPPROVA L-FATTI MINNU ALLEGATI BIEX JIKKUNSTRASTA D-DRITT PRETIZ *REUS IN EXCIPENDO FIT ACTOR*)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' Novembru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' P. Schembri & Brothers Limited (imsejjħa "ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2022[1] li permezz tiegħu talbet lil Aquatess Marketing Limited (imsejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid l-għaliex m'għandiex tkun ikkundannata li:

> **"tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' sitt elef, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€6,788.62), rappreżentanti l-ammont dovut għall-provvista ta' xogħlijiet ta' tiswija fuq vetturi minn P. Schembri & Brothers Limited lil Aquatess Marketing Limited, u dan fuq l-inkarigu u l-istruzzjonijiet tiegħek kif aħjar spjegat fil-kopja tar-rendikont hawn anness u mmarkat Dok. A, u l-ittra legali datata 22 ta' Diċembru 2021 kopja ta' liema qiegħda hawn annessa u mmarkata Dok. B.**
>
> **Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 1 ta' Frar 2022 ai termini ta' artikolu 166A tal-Kapitolu 12 bin-numru ta' reġistrazzjoni 334/22, liema kopja tal-ittra qiegħda hawn annessa u mmarkata Dok. C, u bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-5 ta'**

[1] Fol 1

> **Ġunju 2021, li tiġi tletin ġurnata kalendarja wara d-data li ġew riċevuti l-oġġetti u/jew servizzi, u dana ai termini ta' artikolu 26Ċ tal-Kodiċi Kummerċjali, sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta inġunta minn issa in subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fit-12 ta' Settembru 2022[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

> **"1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta rikorrenti ghandha tressaq il-prova ta' minn inkarigaha li taghmel ix-xogholijiet li taghhom qieghda titlob il-hlas;**
>
> **2. Illi fit-tieni lok, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u dan stante li l-minkejja li s-socjeta rikorrenti giet mitluba li tipprovi receipts tal-parts allegatament mixtrija f'isimha ghar-riparazzjonijiet in kwistjoni, dawn l-ircevuti qatt ma gew prezentati u dan minkejja li l-invoices individwali jaghmlu referenza ghal diversi parts.**
>
> **3. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;**
>
> **4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi fil-ligi"**

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali li saret bil-fomm fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024:

- għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Darren Carabott
- għan-nom tal-intimata, mill-Avukat Dr. Johnaton Abela,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 il-kumpanija rikorrenti ressqet lil **Charles Schembri**[3] in eżami. Dan huwa d-direttur tagħha u jokkupa ukoll il-kariga ta' *garage manager* fejn isir ix-xogħol li tagħmel l-istess kumpanija, liema xogħol hu ilu jagħmel għal 35 sena.

   i. Spjega kif il-kumpanija intimata kienet klijenta tagħhom billi kienet tieħu l-vetturi tagħha għandu u kien isir ix-xogħol fuqhom ta' *mechanics*.

---

[2] Fol 22
[3] Fol 32 *et seq.*

ii. Qabel dan il-każ huma kienu ilhom jaħdmu flimkien għall-aktar minn tlett snin u qatt ma kellhom problemi bejniethom.

iii. Rigward ħlas kienu joħorġu il-kontijiet tax-xogħol u kienu jitħallsu, jew jagħtu somma ta' ħlas akkont. F'xi stadju fir-relazzjoni tagħhom huma kien qatgħu l-kont kollu u ma kien hemm xejn pendenti.

iv. Ġara li għalkemm kien fi żmien il-Covid-19, il-kumpanija intimata bdiet tibgħatilhom ix-xogħol fejn il-ħsarat tal-vetturi kienu daqsxejn kbar bħal per eżempju inkissru żewġ magni u kellu vann li kien iżżarma minn kullimkien. Huma kienu sssuġġerewlu illi aħjar jinbidlu u jinxtraw oħrajn ġodda. Madanakollu ċertu Andrew Ellul Sullivan, mill-kumpanija intimata, ma kienx aċċetta għaliex qal li ma kellux flus biex jixtri vannijiet ġodda. Il-parir tax-xhud kien li l-ispiża biex issir it-tiswija ta' dawn il-vetturi kienet naturalment ser tiġi orħos milli kieku kellhom jixtru vetturi second hand jew ġodda. Però widdbu li jekk ma jagħmel xejn kien se jkollu diffikultà sabiex joħroġ għax-xoghol għax jieqfulu mat-triq. Andrew Ellul Sullivan tah raġun u qallu li kien se jħallsu kif dejjem għamel, ftit ftit.

v. Sar ix-xogħol iżda ġara li minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19 il-kumpanija intimata bdiet sejra ħażin għax ma kellhiex xogħol fejn saħansitra kienet ser tibda ikeċċi lill-ħaddiema tagħha. Ix-xhud ftakar li Ellul Sullivan kellu jġiblu  vettura Transit mingħand l-*electrician* ħabba t-tiswijiet però dan baqa ma ġabiex minħabba li ma kellux xogħol.

vi. Meta imbagħad kollox ġie għan-normal dan xorta waħda ma resaqx lejn il-garaxx tar-rikorrenti għall-ħlas minkejja li x-xogħol kien sar u minkejja li l-vetturi kienu sadanittant nġabru lura u bdew jintużaw fuq ix-xogħol.

vii. Spjega kif beda iċempel lil Andrew Ellul Sullivan sabiex jitħallas u kien għadda l-kontijiet lill-Carmen Gatt, li taħdem mal-kumpanija rikorrenti fil-*credit control*. Minkejja diversi attentati min-naħa tagħha sabiex isir il-ħlas, Ellul Sullivan beda jevitahom. Għalhekk kien kellmu x-xhud stess sabiex jara x'kienet il-problema fejn dan qallu li r-rata tal-VAT ma kienitx maħduma sew. Wara li x-xhud kellem lill-*accountant* tal-kumpanija u tranġa l-iżball, r-rikorrenti xorta baqgħet bla ħlas.

viii. Imbagħad Andrew Ellul Sullivan qal lix-xhud li kien hemm xi karta li ma kienx qed jaqbel magħha. Baqa' ma spjegalu qatt dwar liema karta kien qed jirreferi għaliex skond hu kellu jsib iċ-ċans biex jagħmel dan.

ix. Ix-xhud ikkonferma l-*invoices*[4] pendenti li ġew ippreżentati mar-rikors promotur. Dawn il-fatturi jinkludu kemm l-ispejjeż tal-parts u tal-*labour.*

x. Spjega li dejjem kienu jippruvaw jinfurmaw lill-klijent minn qabel rigward l-ispejjeż tal-parts ħlief meta l-ammonti kienu jkunu żgħar. Infatti meta kien hemm spejjeż kbar, bħal pereżempju x-xiri ta' magni ġodda, dawn ħallashom direttament Ellul Sullivan. Tenna illi x-xogħolijiet dejjem saru bi qbil ma Ellul Sullivan li kien jaf sewwasew fiex kienu jikkonsistu.

xi. Il-vetturi li fuqhom sar ix-xogħol kienu inġabru mill-kumpanija intimata u qatt ma kien hemm ilmenti u lanqas qatt ma intalbet xi irċevuta tal-parts li kienu inxtraw.

xii. Spjega kif bħala kumpanija huma jaħdmu b'sistema ta' *job cards* fejn l-impjegati jirreġistraw is-sigħat li jkunu għamlu xogħol fuq vettura partikulari, iniżżlu l-parts li jkunu xtraw u imbagħad Carmen Gatt, li tieħu ħsieb il-finanzi, toħroġ il-kont relattiv.

xiii. Huwa kkonferma li l-kumpanija rikorrenti għandha tieħu mill-kumpanija intimata s-somma ta' €6,788.62.

2. Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2023 il-kumpanija rikorrenti reġgħet ressqet lil **<u>Charles Schembri</u>**[5] sabiex jixhed in eżami u dan b' referenza għal numru ta' *job cards* li ġew ippreżentati[6]. Huwa fejn qal li l-ħaddiema li ħadmu fuq il-vetturi kienu hu, Philip Borg u Luke Deguara. Fuq il-*job cards* kien jitniżżel ukoll ċertu Waylen Zahra iżda dan kien student tal-MCAST li kien josserva x-xogħol u għalhekk ma kienx bniedem tekniku.

3. L-istess xhud xehed in kontroeżami fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023[7]:
   i. Huwa qal li l-kumpanija rikorrenti kienet tagħmel xogħol mekkaniku kif ukoll dak elettriku għall-kumpanija intimata. Spjega kif qatt ma kien hemm xi ftehim speċifiku bejniethom dwar rati ta' xogħol u *quotations* qatt ma kienu intalbu. Kienu sempliċiment jgħaddu l-kontijiet u dawn kienu jitħallsu.

---

[4] Fol 3-16
[5] Fol 66 *et seq.*
[6] Fol 48-56
[7] Fol 83-91

ii. Mistoqsi jekk kienx jagħti quotation għal xogħol kbir, bħat-tibdil ta' magna, huwa spjega kif kieku l-klijent talabha huwa kien jtihilu però fil-kas tal-kumpanija intimata qatt ma kienet saret talba bħal din.

iii. Tenna illi Andrew Ellul Sullivan kellu idea tax-xogħol kemm kien ser jiġi jiswa għaliex ir-relazzjoni tax-xogħol bejniethom kienet waħda twila.

iv. Ix-xhud qal li ma kinux jitolbu ħlas minn qabel tali jmorru jixtru l-parts.

v. Mistoqsi jekk għandux riċevuti li juru kemm ġew jiswew il-*parts* u spejjeż oħra bħal *fuel* huwa wieġeb fl-affermattiv.

vi. Qal ukoll illi ġieli kien isir *mark up* fuq il-prezz tal-parts li jkunu nxtraw.

4. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 xehdet **Carmen Gatt**[8] in eżami fejn spjegat li hi tieħu ħsieb il-kontijiet tal-kumpanija rikorrenti u li toħroġ l-*istatements*:

i. Hija kkonfermat il-prospett u l-fatturi relattivi annessi mar-rikors promotur a fol 2-16.

ii. Spjegat kif fil-maġġior parti kienet tibgħat il-kontijiet bil-posta iżda f'dan il-każ kienet anki bagħtet *email* bil-prospett fil-11 ta' Mejju 2021[9]. Il-kumpanija intimata weġbitha billi talbitha numru ta' fatturi. Dawn kienu ntbagħtu bil-posta.

iii. Qalet li s-sistema tal-kumpanija rikorrenti kienet li kull vettura tinfetħilha *job card* u wara li jagħmlu x-xogħol jitniżżel il-ħin li jkunu ħadu l-ħaddiema u min ikun ħadem fuqha. Hija ppreżentat sett ta' *job cards* fir-rigward tal-ammont mitlub fil-kawża[10]. Ix-xhud ikkonfermat li dawn jirriflettu x-xogħol u l-ispejjeż indikati fil-fatturi annessi. Ikkonfermat ukoll il-bilanċ dovut ta' € 6,788.62.

5. L-istess **Carmen Gatt** xehdet in kontroeżami fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023[11]:

---

[8] Fol 37-38
[9] Fol 39 (l-*emails* tar-rikorrenti kienu jintbagħtu mill-indirizz info@schembrimechanics.com
[10] Dok CG4 - Dok CG18 a fol 42 *et seq*
[11] Fol 77-82

i. Hija kkonfermat li l-kumpanija rikorrenti kienet tapplika *mark up* żgħir fuq il-parts li jkunu intużaw.

ii. Spjegat li fil-komputazzjoni tal-ispejjeż indikati bħala *labour* hija kienet tgħodd il-ħin skond kemm kienu jdumu jaħdmu l-lavranti fuq dik il-vettura partikolari. Il-ħin li kienu iqattgħu sabiex iduru u jfittxu l-*parts* kien ukoll jiġi inkluż fil-*labour costs*.

Fl-istess seduta x-xhud ġiet mitlub sabiex in vista tat-tieni eċċezzjoni tal-kumpanija intimata (ossia dik illi l-ammont mitlub huwa esaġerat) tippreżenta l-*invoices* jew riċevuti li għandhom x'jaqsmu max-xiri tal-*parts* indikati fil-fatturi annessi mar-rikors promotur. Permezz ta' nota ppreżentata fit-28 ta' Novembru 2023 ix-xhud ippreżentat kopja ta' *invoices* u riċevuti in konnessjoni max-xiri tal-*parts* indkati fil-fatturi a fol 3-16 tal-proċess.[12]

6. Fit-13 ta' Frar 2023 ġie prodott **Philip Borg**[13] mill-kumpanija rikorrenti sabiex jixhed in eżami:

    i. Huwa qal li jaħdem mal-kumpanija rikorrenti bħala mekkanik.

    ii. Spjega kif kien biddel magna ta' waħda mill-karozzi u kien biddel l-axle ta' lifter u kif ukoll għamel xi xogħol ieħor. Kien biddel l-oil seal f' vettura Mitsubishi u ħadem ukoll fuq Transit u Isuzu.

    iii. Spjega kif il-kumpanija intimata kienet iddaħħal diversi vetturi sabiex issirilhom it-tiswija li imbagħad kienu jinġabru meta x-xogħol ikun tlesta.

    iv. Is-sistema tax-xogħol tagħhom kienet ibbażata fuq il-*job card* u kienu jimlewha skond ix-xogħol li jkunu għamlu.

7. Fl-istess ġurnata ġie prodott ukoll **Luke Deguara**[14] bħala xhud in eżami mill-kumpanija rikorrenti:

    i. Dan qal li xogħolu kien li jsewwi l-vetturi tal-klijenti fosthom tal-kumpanija intimata.

[12] Fol 97-107
[13] Fol 72 et seq.
[14] Fol 68 et seq.

ii. Huwa kkonferma li kien għamel xogħol fuq il-vetturi tal-kumpanija intimata.

iii. Qal li wara li jkun sar ix-xogħol kienu jimlew *job card* li fiha kienu jniżżlu s-sigħat li jkunu għamlu u l-parts li jkunu inxtraw.

iv. Muri l-*job cards* esebiti fil-proċess ix-xhud ikkonferma li fost xogħol ieħor kien ħadem fuq vettura Isuzu bin-numru GAB 782 li kienu marrulha l-brake discs, Transit bin-numru ta’ reġistrazzjoni FCE912 u lifter tat-Toyota.

8. Fis-16 ta’ Ottubru 2023, **Rhys Ellul Sullivan**[15], rappreżentant tal-kumpanija intimata, ppreżenta dikjarazzjoni li ħalef bil-ġurament matul l-istess seduta:

i. Dan qal li l-kumpanija intimata kienet ilha xi xhur klijenta tal-kumpanija rikorrenti.

ii. Kienu indunaw illi l-vetturi li kienu tawhom lir-rikorrenti għat-tiswija reġgħu bil-ħsara wara ftit żmien.

iii. Huma biddlu l-mechanic immedjatament u ma rriżultawx aktar problemi fil-vetturi.

iv. Qal illi kienu staqsew lill-kumpanija rikorrenti sabiex tipprovdi r-riċevuti tal-parts li qalu li xtraw iżda dawn baqgħu qatt ma tawhom xejn.

9. Fis-16 ta’ Ottubru 2023, xehed in kontroeżami **Rhys Ellul Sullivan**[16]:

i. Dan qal li ilu direttur tal-kumpanija intimata mill-2018.

ii. Spjega illi għalkemm qal li l-intimata kienet ilha klijent tar-rikorrenti għal xi xhur huwa qal illi dan seta’ kien anke għal xi sena u nofs.

iii. Qal li l-kumpanija intimata kellha xi sebgħa (7) trakkijiet b’kollox.

---

[15] Fol 93A et seq.
[16] Fol 114 et seq.

iv. Sostna li x-xogħol indikat bħala *labour* fuq il-fatturi ma kienx sar għaliex ma ngħatawx lura l-*parts* antiki u lanqas ma ngħataw ir-riċevuti tal-ħlasijiet li kienu għamlu.

v. Ikkonferma li l-ftehim li għamlet il-kumpanija rikorrenti kien ma' missieru Andrew Ellul Sullivan u li hu kien jaf x'kien il-ftehim għaliex missieru kien jgħidlu.

vi. Sostna illi huma kienu ftehmu mar-rikorrenti li din tixtri l-*parts,* ittihom r-riċevuta u jħallsuha tagħhom flimkien mal-*labour.*

vii. Mistoqsi kienux irċevew *reminders* għal ħlas huwa kkonferma dan però sostna li baqgħu qatt ma rċevew r-riċevuti li kienu talbu.

**Kunsiderazzjoni**

*Prova tal-inkarigu mogħti*

10. Il-kumpanija intimata fl-ewwel lok eċċipiet illi l-kumpanija rikorrenti kellha tipprova min kien taha l-inkarigu sabiex tagħmel ix-xogħol li għalih qegħda titlob ħlas. Minkejja illi tqajmet din l-eċċezzjoni, ma jirriżultax mill-provi li qatt kien hemm xi kontestazzjoni għar-rigward tar-relazzjoni bejn il-partijiet f'dak li jirrigwarda l-inkarigu tax-xogħol u t-twettieq tal-istess. Id-diverġenza bejn it-tnejn jidher li bdiet dwar il-**<u>kwalità tax-xogħol</u>**, minkejja li ma tqajjmitx eċċezzjoni f'dan is-sens, u imbagħad evolviet għall-eċċessivita' tal-ammont mitlub, u dan għaliex l-kumpanija rikorrenti ma pprovditx riċevuti tal-parts li kienet xtrat.

11. Mill-provi prodotti jidher b'mod l-aktar ċar illi anke il-kumpanija intimata stess, permezz tax-xhieda tad-direttur Rhys Ellul Sullivan, rrikonoxxiet illi hija kienet klijenta tar-rikorrenti fis-sens li kellha xi trakkijiet minn tagħha li kienu jittieħdu għandha biex isir xi xogħol fuqhom. Irriżulta ukoll illi kien ċertu Andrew Ellul Sullivan, missier id-direttur, illi talab illi jsiru x-xogħolijiet fuq il-vetturi in kwistjoni u li dan kien qal lil ibnu (d-direttur Rhys Ellul Sullivan) dwar dan il-ftehim.

12. Għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda diffikulta' tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni li ma tistax ħlief titqies waħda frivola u legalment bla bażi.

*Jekk l-ammont mitlub huwiex esaġerat*

13. Kif ingħad, id-difiża prinċipali tal-intimata hija illi l-ammont mitlub huwa eċċessiv in kwantu r-rikorrenti ma fornietx lill-intimata bir-riċevuti tal-*parts* li allegatament xtrat sabiex isiru x-xogħolijiet, liema *parts* huma indikati fil-fatturi relattivi, minkejja li kienet talbithomla. Fi kliem ieħor l-intimata qed tgħid li fin-nuqqas ta' prova li tali *parts* verament inxtraw, għandu jitqies li dawk il-*parts* ma nxtrawx u allura l-prezz tagħhom għandu jinqata' mill-fatturi.

14. Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 l-abbli avukat difensur tal-kumpanija intimata fisser f'iżjed dettal din l-eċċezzjoni:

> "Qorti: Dottore qed tikkontesta li l-parts nxtraw jiġifieri ukoll?
>
> Av: Iva ghax ahna l-eccezzjoni taghna hi li l-ammont mitlub hu eccessiv
>
> Qorti: Eccessiv ghax fost affarjiet ohra l-parts ma nxtrawx
>
> Av: Ghax numru ta parts mhux minnu li nxtraw
>
> Qorti: U kienu uzati?
>
> Av: Jew kienu uzati jew mhux minnu li nbiddlu l-parts."

15. Iktar 'l quddiem però din id-difiża evolviet f'negazzjoni assoluta tal-ammonti kollha mitluba billi skond id-direttur tal-intimata, la darba ma tressqietx prova li l-*parts* inxtraw allura anke x-xogħolijiet fuq il-vetturi ma jistax jingħad li kienu saru.[17]

16. Huwa magħruf illi fl-eżerċizzju ta' għarbiel tal-provi il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha r-regoli prevalenti f'dan ir-rigward fl-ordinament ġuridiku tagħna. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>John Bonnici v. Richard Vella</u>** (PA, Rik. Nru. 103/2011 GM, 04/07/2019) intqal illi dawn huma s-segwenti:

> "a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas- sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (**reus in excipiendo fit actor**) **–** Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

[17] Ara kontroeżami ta' Rhys Ellul Sullivan

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż **jista' joxxilla minn parti għall-oħra**, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi **iuxta allegata et probata**, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni"

17. Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn ingħad illi:

"in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. **L-oneru hu distribwit** b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("**actori incumbit probatio**") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("**reus in excipiendo fit actor**"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

18. Il-kumpanija rikorrenti esebiet mhux biss il-fatturi indikati fil-prospett, iżda inoltre esebiet il-*job cards* li juru x-xogħol li sar, il-ħin li ttieħed u l-*parts* li nxtraw. Esebiet ukoll kopja ta' riċevuti ta' numru ta' *parts* li ssir riferenza għalihom fil-fatturi.

19. Minn dawn jirriżulta li fuq medda ta' disa' xhur (bejn Settembru 2020 sa' Mejju 2021) ir-rikorrenti għamlet xogħol ta' tiswija/mechanics fuq għaxar vetturi tal-intimata:

| Fattura | Fol | Data | Numru Reġ | Eur (bil-VAT) | Parts (ex VAT) | Labour (ex VAT) | Jobcard Fol | Riċevuti Fol |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13340 | 16 | 18/09/2020 | TEO001 | €93.72 | €16.92 | €62.50 | 59B | |
| 13341 | 15 | 18/09/2020 | CCJ101 | €135.11 | €14.50 | €100.00 | 59 | 107 |
| 13342 | 14 | 18/09/2020 | CBZ352 | €121.47 | €77.94 | €25.00 | 58 | |
| 13343 | 13 | 18/09/2020 | CBZ353 | €411.41 | €186.15 | €162.50 | 42-43 | 106 |
| 13348 | 12 | 28/09/2020 | GAB782 | €327.21 | €114.80 | €162.50 | 56-57 | 98 |
| 13396 | 11 | 03/11/2020 | FCE912 | €1,978.20 | €746.44 | €930.00 | 52-55 | 105 |
| 13397 | 10 | 03/11/2020 | CBZ353 | €132.75 | €50.00 | €62.50 | 51 | |
| 13398 | 9 | 03/11/2020 | TEO002 | €470.27 | €161.03 | €237.50 | 49-50 | 99 |
| 13404 | 8 | 10/11/2020 | FCE912 | €67.13 | €19.39 | €37.50 | 62-63 | |
| 13405 | 7 | 10/11/2020 | FCE912 | €290.21 | €120.94 | €125.00 | 62-63 | 100-102 |
| 13406 | 6 | 10/11/2020 | FCE912 | €33.13 | €25.00 | €0.00 | 48 | |
| 13408 | 5 | 14/12/2020 | LCP592 | €2,101.63 | €993.54 | €787.50 | 44-47 | 103-104 |
| 13541 | 4 | 05/05/2021 | ACP162 | €118.97 | €38.32 | €62.50 | 60-61B | |
| 13542 | 3 | 05/05/2021 | ACP162 | €507.42 | €80.02 | €350.00 | 60-61B | |

20. Mill-prezzijiet hawn indikati, ossia kif mixtrija u kif fatturati, huwa ċar li l-kumpanija rikorrenti kienet qed tapplika *mark up* żgħira, kif del resto ġie kkonfermat mix-xhieda tagħha Carmen Gatt u Charles Schembri. Dan huwa normali fil-kors tan-negozju, kif inhuwa ukoll normali illi l-ħin li wieħed jagħmel biex isib il-*parts* jiġi meqjus bħala parti mis-servizz li jiġi fatturat lill-klijent, xi ħaġa li għal raġuni jew oħra l-abbli avukat difensur tal-intimata ma dehrlux li huwa aċċettabbli.

21. Huwa minnu li mhux ir-riċevuti kollha ġew esebiti mir-rikorrenti fir-rigward tal-*parts* jew materjal mixtri, iżda huwa ċar anke mill-*jobcards* esebiti illi dawn il-*parts/*materjal jew inxtraw minn terzi jew inkella intużaw mill-istock tal-kumpanija stess (li naturalment xtrat mingħand terzi).

22. Kuntrarjament għal dak allegat minn Rhys Ellul Sullivan, ma jirriżultax illi l-partijiet kienu ftehmu minn qabel illi malli r-rikorrenti tixtri l-*parts* ittihom riċevuta u jħallsuha tagħhom separatament u imbagħad jħallsuha għax-xogħol tal-lavranti. Anzi jidher illi l-ftehim kien illi jsiru t-tiswijiet neċessarji (għal liema tiswijiet ir-rikorrenti tixtri l-*parts* li hemm bżonn), jinġabru l-vetturi u wara jsir il-ħlas bil-mod akkont tal-bilanċ li jkun fadal.

23. Iffaċċjata bid-difiża tal-intimata, r-rikorrenti għamlet dak kollu li setgħet tagħmel biex ixxejjen l-allegazzjoni tagħha illi l-ammont pretiż huwa esaġerat jew addirritura li x-xogħolijiet ma sarux billi mhux biss esebiet il-*jobcards* dettaljati iżda saħansitra

tellgħet il-ħaddiema sabiex jikkonfermaw li ħadmu fuq il-vetturi in kwistjoni. Ippruvat ukoll illi kienet tibgħat il-fatturi perjodikament u filfatt il-kumpanija intimata ammettiet illi kienet tirċievi r-*reminders* għall-ħlas.

24. Ma jidhirx li l-intimata qatt qajjmet xi lanjanza dwar dawn il-fatturi u dan jindika illi kienet qed tirrikonoxxi illi kellha tħallas l-ammonti fatturati lilha. Inoltre minkejja dak sostnut minn Rhys Ellul Sullivan fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu lanqas ma jidher li kien hemm xi ilmenti dwar is-servizz jew dwar li x-xogħol fuq il-vetturi ma kienx sar sew. Għalkemm dan qal illi l-vetturi li kienu ħadu għand ir-rikorrenti kienu spiċċaw bl-istess ħsara wara ftit żmien, ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni, xi ħaġa li seta' jagħmel biex forsi isaħħaħ l-allegazzjoni illi l-*parts* ma kienux ġew mixtrija jew mibdula.

25. Bil-maqlub ta' dak li ġie sottomess mill-intimata, darba r-rikorrenti xehdet (tramite ix-xhieda tagħha) u esebiet dokumenti dettaljati in sostenn ta' dak li qed titlob, l-oneru tal-prova biex twaqqa' l-pretensjoni tar-rikorrenti dar fuq l-intimata – u weħel hemm.

**Deċiżjoni**

26. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija intimata tilqà t-talba tal-kumpanija rikorrenti b'dana illi:**
    a. **Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sitt elef seba' mija tmienja u tmenin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€6,788.62) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet ta' tiswija fuq vetturi tal-istess intimata, ordnati minnha stess;**
    b. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas dan l-ammont lill-kumpanija rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra l-kumpanija intimata u bl-imgħaxijiet legali fuq il-bilanċ ukoll kif mitluba ossia' dekoribbli mill-5 ta' Ġunju 2021 (ai termini tal-Artikolu 26Ċ tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) sad-data tal-pagament effettiv.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur